# Refuġjata

Mario Azzopardi

**Analiżi ta'**
**Oriana Bonnici - Martina Ellul**
**Kulleġġ St Jeanne Antide, Ħal Tarxien**

# Analiżi tal-poeżija

It-tbatija tal-Palestinjani fi żminijietna, wara li dawn kellhom arthom maħkuma mil-Lhud, illum nisimgħu ta' sikwit fuqha fuq l-aħbarijiet.  F'din il-poeżija lirika, Mario Azzopardi jipprova jifhem xi ftit mit-tbatijiet kbar li għaddejja l-mara Palestinjana, billi jitkellem dwar dik li huwa jsejħilha l-"*mara tat-tined*".

Oriana Bonnici - Martina Ellul

- **Fl-ewwel strofa**, Azzopardi jipprova joħroġ fil-beraħ xi ftit mit-tbatijiet ta' din il-mara billi jpinġihielna bħala mara li fost ħwejjeġ oħra "*nixfilha l-ilma*".

- Din il-**metafora** twassal **sens ta' telf ta' tama** u ta' dak kollu li kien vitali f'ħajjitha; l-istess ħajja veru u propja tagħha.

- Nixfilha wkoll dak li huwa jsejjaħ "*ward il-ħall*". Skont Azzopardi 'ward il-ħall' kienet speċi ta' fwieħa li kienet tintuża fl-antik, fwieħa primittiva ħafna. Azzopardi b'din il-metafora jrid ifisser li din il-mara bl-inkwiet kollu li għaddiet minnu, **tneżżgħet minn dak kollu li jagħmilha mara.** Kull ħaġa li kienet femminili f'din il-mara sterilizzat ruħha minħabba ċ-ċirkustanzi li tinsab fihom.

Oriana Bonnici - Martina Ellul

- Jgħidilna wkoll li l-istess uliedha saru ***"dellijiet jgħajtu f'rasha"***.

- Din il-**metafora** tirrappreżenta l-memorji negattivi u s-sens ta' rimors li qed jiġri warajha minħabba li wliedha spiċċaw maqtula.

- Madankollu l-mara tat-tined tista' tirrappreżenta wkoll lill-istess art Palestinjana. Għaldaqstant f'dan il-każ l-ulied qed jirreferu mhux biss għall-ulied veru u proprji ta' din il-mara speċifika, imma wkoll għall-Palestinjani kollha li mietu.

- **Fit-tieni strofa**, min-naħa l-oħra nerġgħu niltaqgħu ma' din l-istess mara, din id-darba **toħlom** dwar dak li tixtieq li jkollha.

  ***"dik li f'idejha toħlom żerriegħa***
  ***dik li l-jiem tagħha***
  ***lkoll eklissati…"***

- Din **il-metafora** turina li l-mara qed toħlom li xi darba jkun hemm **tnissil ta' ħajja aħjar**, imma sfortunatament tistqarr li m'għandhiex jum wieħed f'ħajjitha li mhuwiex eklissat, jiġifieri m'għandux xi tip ta' dell ikrah fuqu, għalhekk hi qatt ma tista' tkun ferħana.

- B'din il-metafora tal-eklissi, il-poeta qed jirreferi **għat-traġedji kontinwi** li din il-mara tgħix taħt id-dell dejjiemi tagħhom.

Oriana Bonnici - Martina Ellul

- Din l-istess mara “*tittama fis-siġar taż-żebbuġ*” li metaforikament jissimbolizzaw futur sabiħ mimli ġid, kuntentizza u tama, kif wara kollox jissuġġerixxu s-siġar taż-żebbuġ, tant komuni fil-pajjiżi tal-kosta tal-Mediterran.

- Toħlom ukoll f’xi oażi, li l-poeta jirreferi għaliha bħala “*ważi*”, dak il-post fejn ikun hemm is-serħan wara l-mixja twila fid-deżert.

- Hawnhekk temmen, jew għall-inqas toħlom li xi darba tista’ tħobb lil Samih tagħha. Għar-refuġjata, Samih jirrappreżenta **l-futur u d-destinazzjoni aħħarija tagħha**. Jirrappreżenta l-aqwa emozzjoni umana – l-imħabba li tnessi l-imgħoddi diffiċli.

- Ninnutaw ukoll li l-isem “Samih”, li huwa ta’ nisel Għarbi, ifisser ‘dak li jittollera’. Għaldaqstant, hawn bħal ċerta **ironija**, b’mod speċjali meta wieħed jinnota li l-ġlieda bejn il-Lhud u l-Palestinjani, hija sewwasew minħabba n-nuqqas ta’ tolleranza.

Oriana Bonnici - Martina Ellul

- Dan, madankollu, ma jistax jiġri jekk mhux se jieqfu l-**interrogatorji** li fiż-żmien li kienet qiegħda tinkiteb il-poeżija, kienu qegħdin isiru mill-Iżraeljani f'Jenin u f'Hebron.

- Mill-banda l-oħra "Kafir" huwa isem ivvintat. Hawn Azzopardi jħaddem il-**liċenzja poetika** tiegħu fil-ħolqien tal-isem ta' dan il-post fittizju għal skopijiet ta' ħoss u ta' ritmu. Però, il-kelma "kafir" teżisti fl-Għarbi u tirreferi għal xi ħadd li ma jemminx u li jiċħad lil Alla u l-verità.

- Jista' jkun li l-poeta jagħmel użu minn din il-kelma biex ifakkar f'dawk ir-refuġjati li kellhom jitilqu minn pajjiżhom minħabba **l-intolleranza reliġjuża u kulturali**. Fost dawn insibu lir-refuġjati Palestinjani li fil-qiegħ nett tal-kunflitt tagħhom mal-Lhud ta' Iżrael hemm propju żewġ reliġjonijiet differenti (l-Iżlam u l-Ġudaiżmu) li mhumiex jittolleraw lil xulxin.

Oriana Bonnici - Martina Ellul

- Fl-istess ħin tixtieq li jieqfu wkoll it-torturi, u l-qtil bla rażan tal-irġiel fejn naraw li l-**ħajja umana saret insinifikanti**. F'dan il-qtil tant kbir, Azzopardi qed ipenġilna l-irġiel bħala għasafar, għaliex il-qtil tagħhom huwa għadd bla tmiem. Dan narawh **fil-metafora:**

*"Jieqfu t-torturi*
*l-massakri tal-għasafar*
*tal-irġiel."*

- **Fit-tielet strofa**, ir-refuġjata qed tħabbat wiċċha mar-**realtà kiefra tas-sitwazzjoni vjolenti ta' madwarha.** Id-dulur tagħha Azzopardi qed ipinġih f'għamla ta' spazju. Għalhekk b'din l-immaġini, il-poeta jrid iwassalna biex nifhmu l-ħsibijiet li jgħaddu minn moħħ din il-mara.

- L-ispazju tad-dulur ta' din il-mara jista' xi darba jimtela kollu? U b'kemm-il mewt se jimtela? B'elf, miljun, żewġ miljuni? Nistgħu nikkwantifikaw l-uġigħ tad-dulur li għaddejja minnu din il-mara?

- Għalhekk minn din l-istrofa naslu biex nifhmu li l-mara tat-tined li qed tibki lill-mejtin tagħha qed **tippersonifika lill-istess Palestina** li qed tibki lil dawk il-Palestinjani kollha li tilfet u lil dawk li qed ibatu inġustizzji kbar.

*Oriana Bonnici - Martina Ellul*

Il-Metrika:

**Strofi:** irregolari
**Versi:** ħielsa
**Rima:** bla rima

L-Istil

Din il-poeżija moderna hija **deskrittiva**, **riflessiva** u **espożitorja**. Fiha l-kittieb qed jipprova jqajjem kuxjenza fuq il-problemi li jaffaċċjaw ir-refuġjati, speċjalment minħabba inkwiet li jkun jeżisti f'arthom.

Mir-**reġistru ta' kliem** li juża l-poeta, "*interrogatorji*", "*torturi*", "*massakri*", "*dulur*", wieħed faċilment jinduna li huma sitwazzjonijiet iddisprati għalhekk it-**ton** huwa wieħed **ta' diqa** iżda fl-istess waqt, kliem bħal "*toħlom*", "*tittama*" u "*tħobb*" jurina li ħafna refuġjati qed jistennew lil pajjiżi kbar u b'saħħithom jgħinu biex tinsab soluzzjoni għall-problemi tagħhom biex ikollhom futur aħjar.

Oriana Bonnici - Martina Ellul